# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

## GUDIKATUR : Dr. Grazio Mercieca LL.D.

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 16 ta' Novembru, 2001

## Avviz numru : 52/2001GT(GM)

**Peter u Heidi konjugi Bonnici**

**-vs-**

**George u Jane konjugi Portelli**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk :**

**"Peress illi l-konvenuti ghandhom jaghtu lil atturi is-somma ta' mija u hamsin lira Maltija (Lm 150) rapprezentanti arretrati ta' cens tal-fond 23, Triq Sir Mikelang Refalo, Victoria, Ghawdex, li kien godit b'titolu ta' enfitewsi temporanja mil-konvenuti, liema arretrati kellhom jithallsu sa' l-ahhar ta' April tas-sena korrenti dan skond kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Paul G. Pisani.**

**U peress illi minkejja diversi interpellazzjonijiet sabiex jeffettwaw dan il-hlas il-konvenuti baqghu inadempjenti.**

**Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex ma ghandhomx jigu kkundannati minn dan l-Onorabbli Tribunal li:**

1. **Ihallsu lill-attur is-somma ta' mija u hamsin lira Maltija (Lm 150) kif fuq dovuti.**

2. **Ihallsu l-imghaxijiet skond il-ligi minn data ta' l-ahhar ta' April sad-data tal-hlas effettiv.**

**Bl-ispejjes kollha inkluzi l-ispejjes ta' l-ittri intepellatorji tat-23 ta' Awissu 2001. Bl-ingunzjoni tal-konvenuti minn issa ghas-subizzjoni."**

**Ra r-riferti posittivi imnejn jirrizulta li l-konvenuti gew debitament notifikati iz la pprezentaw risposta u l-anqas dehru ghas-seduta li nzammet mit-Tribunal fil- ta' Novembru 2001 u dik tallum.**

**Sema' d-depozizzjoni guramentata ta' l-Avukat Dr. Kevin Mompalao, prodot mill-atturi li kkonferma li l-ammont kif pretiz fl-avviz tat-talba ghadu dovut;**

**Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-artiklu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba tal- atturi u ghalhekk jikkundanna lill-konvenuti ghall-hlas ta' Lm 150 bl-imghax legali mill ahhar t'April 2001 sad-data tal-effettiv pagament, bl-ispejjez tal-ittra interpellatorja tat-23 t'Awissu 2001 a kariku tal-konvenut.**

**(ft) Grazio Mercieca**
**Gudikatur**
**(ft) Mary Jane Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**